MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-15 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 225/2003

**John Mary sive Jimmy Vella**

**vs**

**O'Connors Limited**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur **ippremetta:**

1. illi l-attura huwa importatur u bejjiegh bl-ingross ta' prodotti vegetali, frottijiet u simili;
2. illi s-socjeta' konvenuta xtrat minghand l-attur diversi konsenji ta' merkanzija, in konnessjoni ma' liema konsenji ghad fadal bilanc dovut ta' disat elef, tmien mija u disgha u disghin lira Maltin u tletin centezmu (LM9,899.30)
3. Illi ghalkemm debitament interpellata ghall-hlas, is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti;

4. Illi d-debitu huwa cert, likwidu u dovut, u ghalhekk in vista tad-dikjarazzjoni attrici, kif ukoll ta' l-affidavit anness a tenur ta' l-artikolu 167 et seq tal-kap 12, jikkonkorru l-elementi kollha mehtiega sabiex jigi dispensat is-smigh;

**Talab** ghalhekk ghaliex m'ghandiex din l-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

a. tiddeciedi din il-kawza skond is-segwenti talba attrici bid-dispensa tas-smigh a tenut ta' l-artikolu 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta;
b. tiddikjara s-socjeta konvenuta debitrici ta' l-attur fis-somma ta' disat elef, tmien mija u disgha u disghin lira Maltin u tletin centezmu (Lm9,899.30); u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-attur tali somma ta' disat elef, tmien mija u disgha u disghin lira Maltin u tletin centezmu (Lm9,899.30);
Bl-imghax kummercjali ta' tmienja fil-mija fis-sena (8%p.a.) mid-dati tar-rispettivi skadenzi tal-krediti individwali li jiffurmaw is-somma mitluba; bl-ispejjez legali inkluzi dawk relattivi ghall-mandat ta' qbid fl-istess ismijiet mitlub kontestwalment; bl-ingunzjoni tar-rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta minn issa in subizzjoni, u bir-riserva ta' kull azzjoni ulterjuri fil-ligi inkluz kontra d-diretturi tas-socjeta' konvenuta ai termini ta' l-Att dwar il-Kumpaniji.

Rat l-affidavit tal-attur jghid: illi huwa importatur u bejjiegh bl-ingross ta' prodotti vegetali, frottijiet u simili; illi s-socjeta konvenuta xtrat minghand l-attur diversi konsenji ta' merkanzija, in konnessjoni ma' liema konsenji ghad fadal bilanc dovut ta' disat elef, tmien mija u disgha u disghin lira Maltin u tletin centezmu (Lm9,899.30); illi ghalkemm debitament interpellata ghall-hlas, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti; illi d-debitu huwa cert, likwidu u dovut, illi s-socjeta' konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet validi x'taghti; illi l-attur jiddikjara li jaf personalment bil-fatti kollha elenkati, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza; u d-dokumenti l-ohra.

Rat li l-konvenut O'Connors (Malta) Limited debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u msejjah tlett darbiet lanqas ma deheret.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispens tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddecidi billi tilqa' t-talba tal-attur kif dedotta fic-citazzjoni, bl-imghax mitlub u bl-ispejjez kontra is-socjeta konvenuta.

Moqrija

--------------------------------TMIEM--------------------------------